8 ta' Frar, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Joseph Zarb *versus* Carmelo Agius

## Appalt — Bejgħ — Lokazzjoni d'Opera — Subappalt — Preskrizzjoni — Approvazzjoni tal-Opra — Art. 1440 u 1457 tal-Kodiċi Ċivili

*Avvolja l-appaltatur ikun fornixxa anki l-materjal, il-kuntratt ta' appalt jibqa' dejjem kuntratt ta' lokazzjoni d'opera, u ma jsirx kuntratt ta' bejgħ; u f'materja ta' preskrizzjoni, li hi materja ta' indoli eċċezzjonali, id-dispożizzjonijiet tal-liġi ma għandhomx jiġu nterpretati estensivament, u ma jistgħux jiġu estiżi minn każ għall-ieħor.*

*Għaldaqstant, jekk l-appaltatur, żmien wara li tkun tlestiet l-opra, jiġi azzjonat għax l-opra tirriżulta li kienet difettuża u l-appalt ikun ġie eżegwit ħażin, l-appaltatur ma jistax jinvoka kontra dik l-azzjoni l-preskrizzjoni ta' sentejn stabbilita mill-liġi favur ix-xerrej li jkun irid jitlob id-danni billi jirrifjuta l-ħaġa mixtrija, jew jagħżel li jirċeviha bi prezz anqas fuq stima ta' perit, fil-każ li l-ħaġa li l-venditur iġib biex jikkunsinnahlelu ma tkunx tal-kwalità imwegħeda, jew ma tkunx bħall-kampjun li fuqu jkun sar il-bejgħ.*

*Il-ħlas tal-prezz tal-appalt, li l-appaltant jagħmel lill-appaltatur, ma jfissirx neċessarjament approvazzjoni tax-xogħol. Jekk dak il-ħlas ikun sar taħt ċirkustanzi li fihom l-appaltant ma setgħax jinduna bid-difett fix-xogħol, ma jistax jingħad li dak il-ħlas jekwivali għal approvazzjoni tax-xogħol. U jekk stess kien hemm dik l-approvazzjoni, l-appaltant jista' dejjem jesperixxi d-drittijiet tiegħu kontra l-appaltatur jekk kien hemm frode da parti ta' dan meta saret dik l-approvazzjoni.*

*Jekk l-opra, li kienet oġġett tal-appalt, ġiet eżegwita minn persuna oħra bħala subappaltatur, l-appaltatur jibqa' responsabbli lejn l-appaltant*

*għall-eżekuzzjoni tal-appalt, anki apparti mill-fatt li l-materjal ħażin ikun fornieħ hu. L-appaltatur hu obligat jeżegwixxi l-opra mifthema skond is-sengħa; u meta hu jissomministra anki l-materjal, dan għandu jirrispondi għall-konsegwenzi kollha skond il-liġi.*

Il-Qorti;—Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-attur, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meħtieġa u wara li jiġu mogħtija l-provvedimenti li hemm bżonn, peress illi l-konvenut, b'inkariku tal-attur, għamel għar-rikostruzzjoni tal-fondi 27, 29 u 31 ta' St. Alphonse Street, Sliema, milquta mill-għadu, ix-xogħol ta' mastrudaxxa, u tħallas skond ir-rati sħaħ li ħallset il-War Damage Commission għal tliet gallarijiet tal-injam aħmar; u peress illi l-attur sab (dokument A) li dawn il-gallarijiet ġew mill-konvenut eżegwiti b'injam tal-abjad u ta' kwalità inferjuri, tant illi l-istess gallarijiet huma talment deterjorati li ma jistgħux jiġu riparati; talab (1) li l-konvenut jiġi dikjarat li naqas milli jeżegwixxi l-appalt lilu mogħti fl-1946, peress illi huwa uża injam mhux tal-aħmar skond kif ġie mħallas mill-War Damage Commission, u kif huwa l-użu f'xogħol espost għax-xemx u għax-xita; (2) li jiġi lilu prefiss żmien qasir u perentorju biex, taħt id-direzzjoni, okkorrendo, ta' perit, jagħmel ix-xogħol kollu biex jagħmel l-istess gallarijiet tal-injam xieraq skond is-sengħa u skond il-ħlas li ħa mill-War Damage Commission; (3) li f'każ li dan it-terminu jgħaddi inutilment, l-attur jagħmel hu stess a spejjeż tal-konvenut, u taħt l-istess direzzjoni peritali, l-imsemmija xogħolijiet. Bl-ispejjeż tal-ġudizzju, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-10 ta' Awissu 1954;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha ssottometta (1) preliminarment, illi x-xogħol ġie eżegwit aktar minn tmien snin ilu, u għalhekk l-azzjoni hija kolpita mill-preskrizzjoni bijennali; (2) subordinatament, illi l-attur kien jaf liema kwalità ta' injam kien sejjer jiġi użat, aċċettaħ, u approva x-xogħol wara li ġie eżegwit, u ħallas lill-eċċipjent bla ebda riżerva jew protesta;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar l-eċċepita preskrizzjoni;

Illi l-konvenut jippretendi illi, ladarba huwa fornixxa anki l-materjal, l-appalt għandu jiġi regolat bħal kieku kien bejgħ, u għalhekk qiegħed jinvoka favur tiegħu l-art. 1440 u 1457 tal-Kodiċi Ċivili. Din il-pretensjoni, però, mhix aċċettabbli:— (1) Għaliex l-appalt jibqa' dejjem kuntratt ta' locazione d'opera. Jgħid Pacifici Mazzoni:— "Il contratto di locazione d'opera sa di vendita, è prossimo alla vendita, ma non è vendita, neppure quando l'imprenditore somministra la materia" (Locazione, §314, paġ. 439 in fine); (2) għaliex l-art. 1440, invokat mill-konvenut, jikkontempla l-każ tal-ħaġa li ma' tkunx għadha ġiet kunsinnata, mentri fil-każ tagħna l-kunsinna saret, u minnha l-konvenut jiddeżumi l-approvazzjoni tax-xogħol; (3) u għaliex hu magħruf illi, f'materja ta' preskrizzjoni, li hija materja ta' indoli eċċezzjonali, id-dispożizzjonijiet tal-liġi ma għandhomx ikunu nterpretati estensivament, u ma jistgħux jiġu estiżi minn każ għall-ieħor (ara Ricci. Diritto Civile, Vol. V, §271); u del resto, tal-istess fehma kienet il-Qorti tal-Appell fil-kawża "Bongailas vs. Mallia", deċiża fil-11 ta' Ottubru 1943 (Kollez. XXXI-I-386), meta ċaħdet l-applikazzjoni għal appalt ta' dispożizzjoni relativa għall-bejgħ;

**Ikkunsidrat, dwar it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut;**

Illi l-konvenut, għalkemm ipprova li l-attur ħallsu tax-xogħol in kwistjoni, ma rnexxielux jipprova, kif kien dmiru, li l-attur aċċetta l-kwalità tal-injam użat, kif ukoll l-opra li biħ saret. Irriżulta mill-provi illi l-injam kellu jkun tal-aħmar, bħas-soltu, jew almenu ta' injam ieħor tajjeb għall-gallarijiet, li kien jinsab f'dak iż-żmien. Irriżulta wkoll illi l-attur ra l-gallarijiet meta nġiebu fuq il-post għat-tqegħid, però ġa' miżbugħin bil-minju (fol. 37), u taħt iċ-ċirkustanzi lanqas il-perit inkarigat mix-xogħol ma seta' jittendi, u wisq anqas jissospetta bid-difett. Del resto, anki l-konvenut, li kien u baqa' responsabbli lejn l-attur, kellu jammetti illi ma kienx jaf b'liema injam saru l-gallarijiet, u li hu lanqas

eżaminah (fol. 14). Minn dan jidher illi l-ħlas li għamel l-attur lill-konvenut ma jistax jekwivali għall-approvazzjoni tax-xogħol;

Illi anki jekk, "ex hypothesi", kellha tiġi preżunta din l-approvazzjoni, l-attur jista' dejjem jesperixxi d-drittijiet tiegħu; għaliex kien hemm frodi dwar il-kwalità tal-injam (Kollez. XIII, 279). Difatti, ġie pruvat illi l-perit inkarigat ried li x-xogħol isir b'injam tal-aħmar jew "Douglas fir", li dak iż-żmien kien hawn minnu fuq is-suq (fol. 13 tergo), u l-konvenut jammetti li x-xogħol kellu jkun "kondizzjonat", jiġifieri tajjeb minn kollox, kif kien ċedieħ lill Giuseppe Azzopardi (fol. 46 tergo); mentri rriżulta illi, fil-kliem tal-perit inkarigat, kieku l-gallarijiet saru tal-kartun, kienu jdumu iżjed minn hekk (fol. 29), għaliex, milli jidher, saru bl-injam tal-abjad (fol. 29 tergo);

Illi xejn ma jiswa li x-xogħol sar mis-subappaltatur Azzopardi; għaliex, apparti mill-fatt jekk l-injam ġiex fornit minnu stess jew mill-konvenut, jibqa' dejjem veru li quddiem l-attur kien u baqa' dejjem responsabbli l-konvenut;

Illi huwa elementari li l-appaltatur obligat jeżegwixxi l-opra mifthema skond is-sengħa; u meta hu jissomministra anki l-materjal, dan għandu jkun ta' kwalità tajba, salva dejjem il-konvenzjoni speċjali, li fil-każ tagħna ma ġietx pruvata; u ladarba l-konvenut naqas minn dawn l-obligi tiegħu, għandu jirrispondi tal-konsegwenzi kollha skond il-liġi;

Għal dawn il-motivi;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, kif ukoll l-eċċezzjonijiet l-oħra opposti mill-konvenut;

U tilqa' t-talbiet tal-attur, u għall-finijiet tat-tieni talba tipprefiġġi lill-konvenut ħmistax il-ġurnata żmien mil-lum,

biex jagħmel ix-xogħol hemm imsemmi taħt id-direzzjoni tal-I.C.A. Eric Mamo, għal dan l-iskop espressament nominat; u fin-nuqqas, tawtorizza lill-attur jagħmel dak ix-xogħol a spejjeż tal-konvenut, taħt id-direzzjoni tal-perit fuq nominat;

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.